# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023.**

**Rikors numru 1077/15/2 MH**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1077/2015/1

**Martin Grima u martu Marthese Grima**

**v.**

**Victor Micallef, Carmela *sive* Carmen Saliba, Angela Gili, Josephine Micallef, Mary Rose Gialanze, Mary Grace Micallef, Anthony *sive* Tony Micallef u Emanuela *sive* Lily Magro f'isimha *proprio* u fil-kapaċità tagħha ta' mandatarja tal-assenti Joseph Micallef, John Micallef u Francis Micallef, u b'digriet tat-13 ta' Lulju 2015 ġew maħtura bħala kuraturi deputati l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, hekk kif debitament awtorizzata bis-saħħa ta' prokura ġenerali datata 16 ta' Ġunju 2005**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anthony Micallef *sive* Tony Micallef, Angela Gili, Mary Grace Micallef u Emanuela *sive* Lily Magro *proprio et nomine* tal-14 ta'

Ġunju 2022 għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1077/2015/1 fl-ismijiet **Martin Grima et v. Victor Micallef et**.

Rat ir-risposta ta' Martin Grima u Marthese Grima li opponew għal din it-talba.

It-talba għar-revoka tal-mandat hi mibnija fuq żewġ premessi, ċioè li l-mandat ma għadux aktar meħtieġ (Artikolu 836 (i)(b) tal-Kap. 12) u ma għadux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ (Artikolu 836 (1)(f) tal-Kap. 12).

Ir-rikorrenti, konvenuti fil-kawża fl-ismijiet premessi qed jibnu dawn it-talbiet fuq il-fatt li fis-6 ta' Novembru 2020 il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-intimati, atturi fil-kawża. It-talbiet kienu jirrigwardaw skrittura ta' wegħda li tiġi ffirmata wegħda ta' bejgħ tal-4 ta' Ġunju 2015 li l-Qorti tal-ewwel istanza qisitha ma torbotx lis-sidien kollha u għalhekk nulla u bla effett. Din l-iskrittura kienet ir-raġuni għat-talba tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni biex ma tiġix trasferita lil terzi l-proprjetà mertu tal-wegħda. Billi naqas għalhekk ir-raġuni tal-ħruġ tal-mandat, saret it-talba għar-revoka tal-mandat.

Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti.

L-aċċertament tad-drittijiet soġġettivi tal-partjiet f'kawża jsiru vinkolanti meta sentenza tkun għaddiet in ġudikat, li mhux il-każ sakemm għad hemm il-possibbilità li din il-pożizzjoni tinbidel fl-appell.

Prima facie l-intimati għad għandhom pretensjoni x'jikkawtelaw u t-tneħħija ta' dik il-kawtela f'dan l-istadju, jekk l-eżitu tal-appell ikun favorevoli għall-intimati jista' jsarraf fi preġudizzju mhux rimedjabbli jekk il-proprjetà jew xi parti minnha tiġi trasferita fil-frattemp.

F'dan il-każ għalhekk sakemm ikun hemm deċiżjoni finali jew tmiem tal-proċeduri mod ieħor ma jistax jingħad li l-mandat tilef is-saħħa tiegħu, jew li ma hemmx bżonnu jew mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ.

**Deċide**

Għalhekk il-Qorti tqis it-talba bħala mhux mistħoqqha u qed tiċħadha, bl-ispejjeż għar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm